**Kunsill Lokali Paola**

*Ref*: 46/6/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 46**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Viċi Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Renald Dalli, il-Kunsilliera Rita Delezio, u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Neil Joseph Tirchett.

Il-Kunsillier Tyrone Muscat kien skużat.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

*Il-Viċi Sindku Dominic Grima u l-Kunsillier Steven Axisa irringrazzjaw lil membri tal-Kunsill għall-appoġġ u s-sapport li ingħataw mill-istess membri hekk kif ġarrbu it-telfa ta' familjari tagħhom.*

1. **Minuti tal-Laqgħa Nru. 45 tas-Sitt Leġislatura**

    1.1. Il-Minuti ġew approvati *nem com.*

    1.2. Is-Segretarju irrimarka li il-*bins* kif approvati li jinxtraw fl-aħħar laqgħa għall-pjazza, ser jiġu iffinanzjati tlieta minn GreenPak u tlieta mill-Kunsill Lokali.

2. **Korrispondenza**

    2.1. Talba mill-istaff sabiex Alison Panzavecchia u Anthony Gatt sabiex dawn jingħataw l-*increment* dovut lilhom kif innotat fl-*agreement* ta' l-istaff. Il-membri qablu.

    2.2. Talba mingħand is-Sur Ivan Delia sabiex il-Kunsill Lokali Paola jagħmel reklam fil-ktejjeb tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-membri qablu.

    2.3. Ittra mingħand il-Kunsillier Muscat jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex titpoġġa statwa fil-parkegg tac-Cimiterju kif maqbul fl-laqgħat preċedenti, liema statwa ser tiġi iffinanzjati min-numri ta' persuni. Il-Membri qablu li l-Kunsill japprova sakemm jingiebu il-permessi minn awtoritajiet konċernati.

    2.4. Nota mill-Kunsillier Tyrone Muscat li wassal €118 lil Museum tal-bniet għall-użu tal-post tagħhom f'wirjiet varji li tella il-Kunsill.

2.5. Talba mingħand is-Sinjura Margaret Calleja li qed tagħmel f'isem binha, sabiex tiġi maħfura parti mis-somma li hija dovuta tħallas lil Kunsill għall-ħsara li għamel it-tifel tagħha f'arblu ta' *pelican crossing* li għandu il-Kunsill fi Triq Żabbar. Il-membri qablu li mis-somma ta' €300 dovuta is-Sinjuri konċernati jiġu mitluba nofshom u li jitħallsu €50 fis-sena.

2.6. Ittra mingħand il-Fondazzjoni V18 sabiex jiġi organizzat il-proġett "Mela Darba Waħda". Il-membri qablu li joffru is-sala però mhux lesti li jħallsu għal dan il-proġett.

2.7. Ittra mingħand il-Banda is-Soċjeta Filarmonika Banda Antoine De Paule sabiex isir użu mill-użu tax-Xelter fi triq Valletta għall-Ġimgħa l-Kbira 2015. Il-membri qablu li jagħtu no objection, u jitolbu lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex dan ix-xelter jiġi dovut lil Kunsill Lokali Paola.

2.8. Ittra mingħand l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Il-membri iddiskutew il-ħsibijet imressqa f'din il-korrispondenza u qablu illi għandu jiġi iffurmat grupp/sotto-kumitat li jilqa' fih zghazagh minn diversi għaqdiet li jkun jista' jiltaqa' fil-Kunsill u jorganizza attivitajiet għaż-żgħażagħ flimkien mal-Kunsill Lokali.

2.9. Ittra dwar il-Premju Segretarju Eżekuttiv tas-sena.

## 3. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* Sena 2014

3.1. Għal din il-parti tal-laqgħa issieħeb mal-membri l-accountant tal-Kunsill Lokali, Anthony Chircop.

3.2. Is-Sindku Roderick Spiteri irringrazzja lis-Sur Chircop talli aċċetta li jattendi għal din il-laqgħa sabiex jagħti stampa ċara lil mejda tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali Paola speċjalment fid-dawl li il-leġislatura riesqa fit-tmiem tagħha.

3.3. Il-membri ġew preżentati bil-*Financial Statements* għas-sena 2014 u s-Sur Chircop irrimarka dawn il-punti:

3.3.1. Il-*Performance* tal-Kunsill tul is-sena wasslet għal-telf ta' €37,000 riżultat ta' €83,000 *f'Depreciation*. Minkejja dan, il-Kunsill irnexxilu li f'termini ta' *Cash* jibqa' f'pożizzjoni pożittiva ta' €46,000 minkejja l-infieq kapitali għamel tul is-sena speċjalment b'rabta mat-toroq tal-PPP.

3.3.2. Hemm diskrepanza bejn id-dħul u l-ħruġ ta' proġetti Ewropej fejn jidher li għad fadal ammont ta' flus li għad iridu jidħlu minn proġetti Ewropej. Il-Kunsillier Renald Dalli qal illi dawn il-konklużjonijiet għandom jidhru f'Leħen Paola li jmiss. Il-membri qablu.

3.3.3. L-i*Statement of Financial Position* juri illi kien hemm żieda konsiderevoli fl-*Assets* tal-Kunsill li telgħu għal €841,000 minħabba l-ispiża tat-toroq tal-PPP li sargħet. Minkejja dan l-infieq b'saħħtu il-likwidata finanzjarja tal-Kunsill baqgħet pożittiva ħafna.

3.3.4. Biex wieħed jieħu stampa aktar ċara tal-kredituri, mill-figura totali tal-kredituri wieħed irid inaqqas il-pagamenti li saru f'Jannar 2015 għal numru konsiderevoli ta' xogħolijiet li saru f'Diċembru 2014. Dawn il-pagamenti ġew approvati fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill għas-sena 2015.

3.3.5. Is-somma tal-kredituri tinkludi wkoll xogħol marbuta mal-PPP liema somma trid titħallas fuq tmien snin. Dan iwassal għal pożizzjoni iktar b'saħħitha għas-snin li ġejjin.

3.3.6. L-ispiża amministrattiva u operattiva tal-Kunsill naqset b'mod konsiderevoli tul din l-aħħar sena riżultat ta' Management tajjeb ta' l-uffiċju.

3.4. Is-Sindku Roderick Spiteri irrimarka illi minn dawn il-*financial statements* jidher li l-Kunsill Lokali għandu pożizzjoni likwida tajba ħafna kif tidher fil-valur tal-*Cash and Cash Equivalents* ta' €242,000.

3.5. Il-Kunsillier Bernard Lynch qal li mhux sewwa li wieħed jgħid li l-Kunsill Lokali għandu id-dejn meta l-ispiża tal-PPP ser titħallas fuq tmien snin.

3.6. Is-Sindku irrimarka illi għalkemm sar proġett kbir u kapitali l-amministrazzjoni ta' dawn it-tlett snin ser tkun qed tħalli lura Kunsill Lokali finanzjarjament b'saħħtu. U għalhekk talab lil membri sabiex japprovaw il-*financial statements*. Il-membri approvaw.

## 4. Tenders 6/14 u 1/15

4.1. Is-Sindku qal illi dawn iż-żewġ tenders (tal-Perit u ta' Triq Melita) iridu jiġu aġġudikati u l-offerti li waslu kienu:

4.1.1. Tender 6/14*: Services of an Architect*.

| | |
|---|---|
| CP Partners | *Schedule of Rates annessa.* |
| Building & Design Consultants | *Schedule of Rates annessa.* |

4.1.2. Il-membri qablu li l-bord ta' evalwazzjoni ser ikun magħmul mill-Kunsilliera Rita Delezio, Bernard Lynch u Renald Dalli.

4.1.3. Tender 1/15: *Resurfacing of Triq Melita.*

| | |
|---|---|
| Philip Agius & Sons | €68,793.64 |
| V+C Contractors | €59,011.00 |
| Schembri Infrastructures | €54,244.50 |
| E. Mifsud & Sons Building and construction | €63,763.10 |

4.1.4. Is-Sindku irrimarka illi ressaq dawn l-offerti lil Perit tal-Kunsill sabiex jipprepara rapport tekniku li jevalwa l-offerti sabiex jiġi ippreżentat lil bord ta' evalwazzjoni. Is-Sindku saħaq illi huwa mhux ser ikun membru f'dan il-bord minħabba l-fatt illi fil-professjoni tiegħu jaħdem ma' kuntratturi differenti. Għaldaqstant il-Membri qablu li dan għandu ikun magħmul mil-Viċi Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steven Axisa u l-kunsilliera Rita Delezion.

4.2. Is-Sindku irrimarka illi dwar il-proġett ta' Wied Blandun huwa flimkien mas-Segretarju kellu laqgħa ma' bord maħtur mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali sabiex iqassam fondi għall-Proġetti Kapitali fejn issa qed nistennew risposta dwar jekk il-Kunsill Lokali Paola hux ser jibbenefika minn dan il-fond.

## 5. Proġett *Urban Greening*

5.1. Il-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Żvilupp Sostenibbli għażel lil Kunsill Lokali Paola bħala wieħed mill-Kunsill Lokali illi ser jibbenefika mill-font tal-baġit tal-Gvern taħt il-proġett Urban Greening, liema somma tlaħħaq it-€30,000. Din trid tintefaq fuq qsari/siġar/pjanti u l-membri qablu li jippreżentaw il-proposta preżentat mis-Segretarju mehmuża.

## 6. Skema ta' l-Awtorità tad-Djar

6.1. Is-Sindku qal illi l-Kunsill Lokali ġie infurmat illi ser jintefqu €50,000 għall-manutenzjoni tal-komun ta' għaxar blokok tal-flats tal-Gvern. Is-Sindku fakkar illi xi sengħa u nofs ilu il-Kunsill Lokali Paola kien qabel illi isir xogħol fil-flats ta' ħdejn il-bandli u għalhekk qed jitlob lil membri jikkonfermaw illi dawn il-fondi imorru għal din il-blokka. Il-membri qablu.

6.2. Il-Kunsillier Axisa xtaq iżid illi il-Kunsill m'għandux jinsa il-flats ta' fejn jarma is-suq. Is-Sindku qal illi dwar dawn il-flats l-Awtorità tad-Djar ħarġet tender sabiex isir xogħol fuq dawn il-flats. Kompla billi qal li għandu isir xogħol fuq il-kumplament tal-blokok aktar il-quddiem mill-istess Awtorita.

## 7. Sistema ta' *One Ways*

7.1. Is-Sindku qal illi ser jitkompla l-proġett tat-toroq sabiex isiru one-way kif approvati minn Transport Malta. It-toroq li jmiss huma Triq il-Wied, Triq St. Ubaldeska u Triq il-Ġdida. Il-membri qablu. Dawn ser jiġu implementati fil-bidu ta' Marzu. Steven Axisa xtaq iżid illi huwa jaqbel mal-one way ta' Triq il-Wied però sa Triq San Ġużepp.

## 8. Leħen Paola

8.1. Il-Kunsillier Renald Dalli qal li l-ħarġa li jmiss ta' Leħen Paola ser toħroġ fl-20 ta' Marzu u issuġġerixxa li l-fuljett ikun ta' sittax-il paġna u l-membri qablu.

8.2. Rita Delezio qed tissuġġerixxi illi jikteb artiklu l-ambaxxatur taż-żgħażagħ u l-membri qablu.

**9. Skeda tal-Pagamenti**

9.1. Il-Kunsill Lokali approva l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 46 għas-somma ta' €46,088.99.

9.2. Il-Kunsilliera Rita Delezio xtaqet tirringrazzja lil Kunsillier Bernard Lynch għall-ħidma tiegħu fl-attività tal-Karnival li sargħet fil-Pjazza Antoine de Paule.

**10. Aġġornament**

10.1. Il-Kunsillier Axisa xtaq iżid illi huwa urtat għall-mod kif qed isir dewmien sabiex jibdew joperaw it-*Traffic Lights* fil-benniena. Is-Sindku qal li għandu isir il-pressure meħtieġ sabiex dawn isiru mill-aktar fis.

10.2. Il-Kunsillier Axisa talab ukoll sabiex fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill jiddeċiedi dwar il-kwotazzjonijiet li kienu inġabru għal-kameras.

10.3. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6.45pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 25 ta' Marzu 2015.

Approvati llum 25 ta' Marzu 2015.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Roderick Spiteri
Sindku